MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 9/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Alexander Paul Miruzzi)**
**Vs**
**Audrey Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta’ l-istess Att, fis-27 ta’ Frar, 2009, fil-hanut Tikams – Triq Dun Karm – Iklin, naqset li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta’ cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta’ l-imsemmija Skeda w l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 81 u 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

U aktar talli fl-istess zmien u post, naqset li taghti jew tipproduci ricevuta ta’ taxxa f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta’ provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82 ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Jannar, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 51, 77(a)(e), 81 u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja ta’ l-ewwel imputazzjoni w taghha kkundannataha multa ta’ sebgha mitt Euro (€700), peress li t-tieni imputazzjoni hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fil-25 ta’ Jannar, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok ma ssibx lill-appellanti hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-
Illi l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizzjoni taghha bhala rizultat ta’ apprezzament zbaljat u rragjonevoli tal-provi li tressqu quddiemha w dan peress li mill-provi prodotti quddiem dik il-Qorti, kemm it-testimonjanza kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa stante li mill-provi li gew sottomessi r-reat ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w ghalhekk l-appellanti qeghda tinterponi dan l-appell;
Illi mill-provi ghandu jirrizulta illi l-appellanti hija mpjegata mad-ditta Tiara Company Limited u kienet hemm tobdi l-ordnijiet tal-principal taghha.  Jirrizulta illi hemm sistema

komputerizzata li hija appruvata wkoll mid-dipartiment tal-VAT billi persuna li tmur tordna xi ghamara taghmel depozitu ta' flus u tinghata rcevuta temporanja halli aktar tard meta ssir il-konsenja w tinhareg "invoice" fiskali u fl-istess hin tinghata rcevuta fiskali. Din is-sistema hija approvata mid-Dipartiment. Dan ifisser illi l-"point of sale" qieghed isir meta jkun hemm il-konsenja tal-merkanzija li f'dan il-kaz hija l-ghamara li kienet ordnata. Qieghed jigi sottomess illi meta jsir id-depozitu ma hemmx il-"point of sale" imma rabta sabiex isir il-bejgh u ghalhekk mhiex dovuta dak il-hin il-VAT. Gara illi meta mar Spettur tal-VAT osserva persuna tghaddi flus lill-salesperson u tinghata rcevuta li ma kinetx fiskali w b'hekk harget l-akkuza. Gie sottomess mill-appellanti illi din is-sistema hija approvata w ilha tintuza kif ukoll illi hemm hafna showrooms li juzaw din is-sistema liema sistema tinxtara minn ditta ta' awdituri li ottjenew il-permess biex tintuza mid-dipartiment tal-VAT. Illi di piu l-appellanti ma kienitx taf li kienet qeghda tikser il-ligi jekk kien il-kaz hekk u ghalhekk ma kienix hemm ebda *mens rea.*

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Frar ta' l-elfejn u disgha (2009) l-appellanta Audrey Zammit kienet impjegata fil-hanut Tikams, Triq Dun Karm, l-Iklin, "fol 5". Sar bejgh ta' bicca ghamra u l-prezz kollu dovut mill-klijenta thallas dak inhar, pero' l-klijenta ma nghatax ircevuta fiskali imma giet infurmata illi l-ircevuta tinghatalha mal-konsenja ta' l-ghamara. Meta l-Ispetturi tal-VAT gew a konjizzjoni ta' dawn il-fatti hargu citazzjoni kontra l-appellanta biex twiegeb ghall-akkuzi ta' ksur kontra l-Kapitlu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ewwel Qorti kkunsidrat illi minkejja illi s-sistema kompjuterizzata illi kellha fil-hanut kienet approvata mid-Dipartiment tal-VAT, dana ma kienx jawtorizza lill-persuna registrata jew impjegati taghha li johorgu rcevuti meta jidrilhom f'xi mument iehor wara l-hlas u ghalhekk sabet lill-appellanta hatja. Fl-appell taghha l-appellanta argumentat illi s-sistema approvata mid-Dipartiment tal-VAT kien ifisser illi l-point of sale qed isir meta jkun hemm

il-konsenja tal-merkanzija u mhux meta tinaghta d-deposit, dana jfisser biss rabta biex isir il-bejh u ghalhekk dak il-punt ma kienx dovut il-VAT.  Di piu l-appellanta ma kienetx taf li qed tikser il-ligi ghax kienet biss impjegata u ghalhekk ma kien hemmx mensrea.

Ikkunsidrat:

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument u ben saput fil-kamp civili illi f'negozju ta' bejgh meta oggett ikun identifikat u l-prezz miftiehem javvena ruhu l-bejh, id-depozitu li persuna jhallas huwa parti mill-prezz u mhux rabta biex isir il-konsenja.  Ghalhekk hawn hekk il-Qorti ma jidhirliex illi l-appellanta jew il-principal taghha jista' jahrab mir-responsabilta tieghu billi jghid illi l-pagament tad-depozitu huwa biss rabta tal-konsenja tal-merkanzija. Mal-ftehim tal-prezz u l-identifikazzjoni ta' l-oggett allura dak il-begh ikun kompjuz u f'dak il-mument tista tinhareg ircevita fiskali anke jekk ma jkunx ghadhom thallsu l-flus. Aktar u aktar f'dan il-kaz meta rrizulta illi l-klient kien hallas il-prezz intier ta' l-oggett propju dak il-hin meta gie kompjuz in-negozju u ma kien hemm  xejn xi jzomm lill-appellanta jew lill-principal taghha milli dak il-hin tohrog l-ircevuta fiskali.  Pero' din il-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazjoni l-fatt illi l-appellanta hija l-impjegata tal-kumpanija Tiara Ltd. illi taghha d-direttur huwa Mohan Bharwani.

Hawn hekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza moghtija minn din il-Qorti fl-ewwel (1) ta' Frar ta' l-elfejn u tnejn (2002) fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Rowina Borg fejn propju ttrattat kwistjoni bhal din sa fejn impjegat jista jkun responsabbli ghall-ksur ghad-dispozizzjonijiet kontra din il-ligi.  B'referenza ghas-Sub Artiklu 2 ta' l-Artiklu 82 il-Qorti qalet "din id-dispozizzjoni, pero', fiha nnifisha ma hi qed tohloq l-ebda reat; qed tipprovdi sempliciment ghar-responsabilta vikarja tal-principal jew tal-persuna registrata ghal dak l-ghemil jew nuqqas ta' l-impjegat jew persuna ohra.  Fi kliem iehor, dak illi jaghmel jew jonqos milli jaghmel l-impjegat jew il-persuna l-ohra jitqies daqs li kieku ghamlu jew naqas milli jaghmlu l-principal jew persuna registrata; u, jekk dak l-ghemil jew nuqqas, li

allura issa jitqies li sar jew li naqas milli jsir mil-principal jew il-persuna registrata, jammonta ghal reat taht xi dispozizzjoni tal-ligi, allura l-principal jew il-persuna registrata jkunu qed jikkommettu r-reat.

Dan u dan biss huwa s-sens tas-Sub Artiklu 2 ta' l-Artiklu 82 – u cioe' li johloq ir-responsabilta vikarja tal-principal jew persuna registrata – u mhux li johloq responsabilta penali ta' l-impjegat jew tal-persuna 'l ohra (li tkun qed tagixxi ghan-nom ta' persuna registrata)." Ghalhekk jekk kien hemm xi persuna illi kellha twiegeb ghal dan in-nuqqas kien il-principal jew il-persuna registrata u cioe' Mohan Bharwani u mhux l-appellanta li kienet semplici mpjegata qieghda ssegwi l-ordnijiet moghtija lilha mill-principal. Ghalhekk dan l-aggravju jimmerita jigi milquh.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata billi fil-waqt li tikkonfermha f'dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni mputazzjoni, thassarha u tirrevoka l-bqija u konsegwentament tillibera lill-appellanta minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------